MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 926/2009

**Simon Grima**
**(I.D. Card No. 574963M)**

***kontra***

**MH Malta Limited (C-16025)**
**gja Hetronic Malta Limited**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat li kien presentat fl-24 ta` Settembru 2009 u jaqra hekk –

*1. Illi r-rikorrenti kien ingaggjat f`impjieg mas-socjeta` intimata M H Malta Limited fl-14 ta` Marzu 1994 (DOK A), dak iz-zmien kienet iggib l-isem ta` Hetronic Malta Limited, u dan bhala Deputy General Manager b`dan illi sussegwentement kien anke promoss ghal posizzjoni ta` General Manager u eventwalment ghal posizzjoni ta` Managing Director (DOK B) sakemm spicca l-impjieg tieghu bhala General Manager (DOK C) fit-30 ta` Settembru 2008, wara li kien irrizenja minn Direttur tas-socjeta` Hetronic Malta Limited (DOK D).*

*2. Illi bhala parti mill-kundizzjonijiet ta` l-impjieg tieghu kien gie verbalment miftiehem illi r-rikorrent kellu jakkwista wiehed fil-mija (1%) ta` l-ishma tal-Grupp Hetronic.*

*3. Illi fil-kors ta` l-impjieg tar-rikorrent mas-socjeta` intimata, it-trasferiment ta` l-ishma kif hawn fuq stipulat baqa` ma sar qatt, sakemm irrizulta illi s-socjeta` intimata bieghet l-assi taghha bi pregudizzju u danni ghar-rikorrent.*

*4. Illi f`dan il-bejgh ta` l-assi tas-socjeta` intimata u konsegwenza tal-fatt illi s-socjeta` intimata baqghet qatt ma ttrasferiet is-sehem mill-ishma tal-Grupp Hetronic lir-rikorrenti kif miftiehem fil-kundizzjonijiet tax-xoghol tieghu, b`hekk is-socjeta` intimata cahhditu mill-kundizzjonijiet tax-xoghol kollha kif miftiehma, u r-rikorrent sofra danni finanzjarji li ghalihom hija responsabbli biss is-socjeta` intimata.*

*5. Illi interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u konsegwenti hlas tad-danni hekk sofferti, is-socjeta` intimata naqset milli taghmel dan u baqghet inadempjenti.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent qieghed jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` intimata hija unikament responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti konsegwenza tan-nuqqas taghha illi zzomm mal-ftehim shih tax-xoghol u l-eventwali bejgh ta` l-assi taghha, salv kull dikjarazzjoni opportuna illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa illi taghmel inkluz illi r-rikorrenti sofra dannu.*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-ewwel talba, jekk hemm bzonn bil-hatra ta` periti nominandi.*

*3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata sabiex thallas lir-rikorrenti dik is-somma li tigi hekk likwidata a favur ir-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-mandat ta` sekwestru numru 1528/09 u bl-imghax legali skond il-ligi kontra s-socjeta` intimata li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni, u bir-riserva ghal kull azzjoni ohra li tista` tispetta lir-rikorrenti.* Rat il-lista tax-xhieda indikati mill-attur flimkien mal-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta guramentata tal-kumpannija konvenuta prezentata fis-6 ta` Novembru 2009 li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament ir-rikors promotur u l-azzjoni attrici huma nulli u bla effett fil-ligi in kwantu din l-Onorabbli Qorti hija nkompetenti ratione materiae stante li kif espost fil-premessi attrici din il-kawza hija bbazata fuq allegat ksur ta` kundizzjonijiet ta` mpjieg u ghalhekk il-kaz huwa wiehed li jaqa` taht il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali ai termini ta` l-artiklu 75(1) tal-Kap.452 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ewwel talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma kien hemm l-ebda ftehim bhal dak allegat mir-rikorrent, u s-socjeta` konvenuta ma kkawzat l-ebda danni lir-rikorrent ;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost b`rabta mal-ewwel talba jispetta lir-rikorrent jipprova d-dannu allegatament soffert minnu ;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-tieni u t-tielet talba attrici ghandhom jigu michuda in kwantu r-rikorrent ma sofra l-ebda dannu u kwindi ma hemm l-ebda danni x`jigu likwidati.*

*Salvi eccezzjoni ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kumpannija konvenuta, il-lista tax-xhieda indikati minnha u l-elenku ta` dokument li pprezentat.

Rat in-nota prezentata fl-1 ta' Dicembru 2009 (fol 29) fejn, ghall-fini tal-ewwel eccezzjoni taghha, il-kumpannija konvenuta pprecizat illi l-inkompetenza *ratione materiae* ta' din il-Qorti tirrizulta mill-Art.75(1)(b) u l-Art.15, 18 u 22(2) tal-Kap.452.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw bil-fomm l-eccezzjoni preliminari tal-inkompetenza *ratione materiae*.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Jannar 2010 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar din l-eccezzjoni preliminari.

Rat is-sentenza taghha tal-31 ta` Mejju 2010 (fol 41 sa fol 49) fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni, iddikjarat illi hija kompetenti sabiex tiddeciedi l-kawza u ghalhekk ordnat li l-kawza tibqa` tinstema` fil-mertu. L-ispejjez kellhom jithallsu mill-kumpannija konvenuta.

Rat ix-xhieda bl-affidavit tal-attur flimkien mad-dokumenti li kienu annessi (fol 52 sa fol 171).

Semghet ix-xhieda ta` Andre` Zarb fl-udjenza tal-19 ta` Ottubru 2010 (fol 175 sa fol 180).

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-attur fl-udjenza tas-17 ta` Jannar 2011 (fol 184 sa fol 204) u fl-udjenza tal-10 ta` Marzu 2011 (fol 206 sa fol 220).

Semghet id-deposizzjoni tal-Av. Franco Galea fl-udjenza tat-13 ta` Ottubru 2011 u rat id-dokumenti li kienu prezentati mix-xhud (fol 223 sa fol 234).

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-13 ta` Ottubru 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza bil-fakolta` ghall-partijiet li jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li skambjaw il-partijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. <u>Il-vertenza</u>

L-attur qieghed jallega illi meta dahal jahdem mal-kumpannija konvenuta fl-14 ta` Marzu 1994, kien <u>verbalment</u> miftiehem mieghu illi kellu jircievi wkoll 1% tal-ishma tal-Hetronic Group, li minnu l-kumpannija konvenuta kienet taghmel parti. L-attur kien impjegat l-ewwel bhala Deputy General Manager. Wara sar General Manager u in segwitu Managing Director. Fid-29 ta` Settembru 2008 irrizenja minn direttur u temm l-impieg tieghu fit-30 ta` Settembru 2008. Minkejja dak li kien patwit mal-attur, baqghu ma gewx trasferiti l-ishma favur l-attur, u kwindi huwa garrab danni *ex contractu* u kien qed jippretendi risarciment. Min-naha taghha, il-kumpannija konvenuta cahdet illi kien hemm ftehim kif prospettat mill-attur u ghalhekk ma kkagunat l-ebda danni lill-attur.

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>Provi</u>

Il-provi **<u>in sintesi</u>** kienu dawn –

Il-kumpannija Hetronic Holding LLC hija l-azzjonista ta` maggoranza tal-kumpannija konvenuta. Fid-29 ta` Lulju 2005, il-*holding company* ghaddiet rizoluzzjoni (li hija ffirmata minn Max Heckl u hija esebita bhala Dok B) li tirrigwarda l-operat tal-kumpannija konvenuta u li fl-ewwel lok tghid illi *following a period of five months from the appointment of Simon Grima …as Managing Director of the company, his appointment to such post is hereby confirmed for an indefinite duration,* fit-tieni lok tghid illi *the powers and duties of the Managing Director as arising out of the Memorandum and Articles of Association of the company and as arising out of resolutions, issued from time to time, by the company, shall, saving that which is provided hereunder, remain altered* u fit-tielet lok tghid illi

*the salary paid to Simon Grima in his role as Managing Director be increased to Lm 2,000 per month with effect from 1 August 2005.*

L-att kostituttiv tal-kumpannija konvenuta kien iffirmat fit-13 ta` Ottubru 2008 u accettat mir-Registratur tal-Kumpanniji fl-istess data. L-azzjonisti taghha huma Hetronic Holding LLC in kwantu ghal 44,971 –il sehem u l-attur in kwantu ghal 256 *non-voting preference redeemable cumulative shares.*

Fl-affidavit tieghu, **l-attur** jixhed illi huwa kien iltaqa` ma` certu Max Heckl bil-ghan li tkun iffurmata s-socjeta` konvenuta. Jghid illi sa mill-ewwel laqgha huwa kien ghamilha "*cara hafna lil Max Heckl li l-ghan finali tieghi* [u] ki*en li jkolli* [u] *ishma fl-imperu kummercjali li kont* [kien] *ser nghinu jibni f`Malta"* (ara fol. 53).

Isostni illi huwa kien akkwista 100 sehem tat-tip `*non-voting preference redeemable cumulative shares*` fis-socjeta` konvenuta.

Ikompli jghid hekk –

*… fis-sajf tal-2003, waqt zjara f`Malta, wicc imb`wicc Max Heckl fl-ahhar qabel li jaghmilni propjetarju ta` 1% tal-grupp kollu Hetronic billi jaghtini 1% ta` ishma tal-kumpannija Hetronic Holding li dak iz-zmien kienet ghadha fi stat ta` pjan imma la darba tigi mwaqqfa kienet ser tkun propjetarja ta` l-ishma kollha tal-kumpanniji kollha li kienu jaghmlu parti mill-grupp Hetronic. Dan il-qbil Heckl ghamlu wkoll maz-zewg persuni priuncipali l-ohra fil-grupp : Leo Schalk li dak iz-zmien kien imexxi l-kumpannija Germaniza u Torsten Rempe li kien qieghed imexxi l-kumpannija Amerikana Hetronic USA ibbazata f`Oklahoma City.*

L-attur jirreferi ghal email illi baghtlu l-awditur Andre` Zarb (Dok 6 a fol 22) fejn jinghad illi *"... you have queried*

*whether you may take up shares in a US LLO... I shall ask my staff to provide you with details of the documents which are required."* Skond l-attur, dik it-twegiba ta` Andre` Zarb giet wara li l-attur ried ikun jaf jekk setax jikseb ishma go kumpannija Amerikana.

Skond l-attur, billi t-trasferiment tal-ishma fil-*holding company* favur tieghu u taz-zewg persuni l-ohra li semma kien ser jiehu t-tul, Heckl *weghedna li d-dewmien ma kienx ser jaffettwana hazin ghax konna ser nibqghu nircievu kull sena, forma ta` dividend, sehem ta` 1% tal-flus iggenerati mill-grupp fis-sena ta` qabel. Dan ifisser li waqt li konna qeghdin nistennew biex jigi effettwat il-qbil, konna se nkunu ingawdu l-beneficcju tal-qbil. Jiena u Heckl hadna b`idejn xulxin bhala sigill ta` dan l-ahhar arrangament.*

It-trasferiment tal-ishma baqa` ma sarx din id-darba minhabba inkwiet li Heckl kellu mal-awtoritajiet fiskali fil-Germanja. Fl-istess waqt, jghid l-attur, *jiena bqajt nircievi dividend kull sena minghand Hetronic Malta Limited li l-valur tieghu kien ikun ekwivalenti ghal 1% tal-flus iggenerati mill-grupp fis-sena ta` qabel.*

Skond l-attur, Heckl insista mieghu li jibqa` fl-impieg anke jekk jinbiegh il-group. Ghalhekk, isostni l-attur, *Heckl weghdni …US$150,000 jekk nibqa` mal-grupp sal-2008 u …US$100,000 ohra jekk jien nibqa` mal-grupp sal-2010.* Dan apparti l-ftehim tal-1%. Kienet prezentata a fol 150 email markata Dok 31 li Max Heckl baghat lill-attur u lil persuni ohra fejn jghid – *"As I promised some time ago, all three of you will get a special Thank-You-Bonus now, and another one in 2 years when you are still with Hetronic, as I hope so."*

L-attur jixhed illi fl-2005-2006 kien hemm trattativi dettaljati biex il-group jinbiegh. It-trasferiment tal-ishma pero` baqa` jigi pospost anke ghaliex Leo Schalk telaq

mill-kumpannija fil-Germanja pero` l-hlas tad-dividend baqa` jsir.

F`Lulju tal-2007, l-attur ghamel pressjoni fuq Heckl biex isir it-trasferiment tal-ishma u skond l-attur, Heckl weghdu li dak it-trasferiment kien se jsir sal-ahhar tal-2007.

L-attur indika din id-darba bil-miktub fl-email Dok 12 l-impenji li Heckl kien ghamel mieghu. Ghal din l-email, Heckl wiegeb b`telefonata fejn ghal ragunijiet fiskali ppropona lill-attur biex jifforma kumpannija fl-Istati Uniti u t-trasferiment isir hemm. L-attur indaga ma` Andre Zarb u dan bl-email Dok 13 skonsilja lill-attur li jsir kumpannija fl-Istati Uniti.

Intant f`Dicembru 2007 sar jaf illi Torsten Rempe kien ha l-1% tal-ishma mentri hu kien ghadu minghajrhom. Sar jaf ukoll li Heckl kien sejjer jirtira mit-tmexxija tal-grupp. Fit-13 ta` dak ix-xahar, skond l-attur, saret laqgha fejn il-ftehim *kellu jinbidel b`mod li jien kont ser niehu flok l-1% ishma fil-Hetronic Holding, ishma fil-kumpannija Maltija, liema ishma kellhom ikollhom l-istess valur ta` 1% fil-grupp. Stmajna li l-valur ekwivalenti kellu jkun madwar it-2% ta` Hetronic Malta Ltd. Komplejna billi qbilna li minflok dividend ta` 1% tal-flus iggenerati ta` kull sena (mhallsa s-sena ta` wara) jien kelli nibqa` nircievi dividend, dejjem mill-kumpannija Maltija, ekwivalenti ghal 1% ta` kull ma tircievi l-Hetronic Holding. Dan sar peress illi d-dividendi lejn il-kumpannija Hetronic Holding kienu saru haga regolari. Fl-ahhar tal-laqgha gie ukoll awtorizzat dividend lil biex ikopri d-dividend dovut fl-2007 ghas-sena 2006 kif ukoll dak ghas-sena 2007.* Skond l-attur, dan id-dividend tal-ahhar jirrizulta fid-Dok 16 u Dok 17.

L-attur ressaq il-prova tal-hlas tad-dividends favur tieghu (ara Dok 24 u Dok 25).

L-attur kompla jixhed illi gie zmien meta bdew negozjati ma` Methode Electronic Inc biex dawn jixtru lil Hetronic inkluz il-kumpannija konvenuta. L-attur jghid illi kien involut fin-negozjati. Heckl wasal fi ftehim ma` Methode u l-bejgh kellu jsir fl-ahhar ta` Settembru 2008. Billi hu kien l-uniku direttur tal-kumpannija konvenuta, ircieva dokumenti li kienu jehtiegu l-firma tieghu. Minn dawk id-dokumenti sab illi Hetronic Malta kienet sejra tbiegh l-assi taghha lil Methode. Billi rcieva kwantita` ta` dokumenti, l-attur irrifjuta li jiffirma jekk ma jinghatax ic-cans li jgharbilhom u jitlob pariri dwarhom. Din id-decizjoni wasslet ghal tilwima ma` Heckl. Ghalhekk irrizenja minn direttur u nhatar Heckl minflok (ara Dok D) sabiex dan jekk irid jiffirma kollox hu. Fil-fatt il-bejgh tal-assi sar fit-30 ta` Settembru 2008 u thabbar b`mod ufficjali fl-1 ta` Ottubru 2008.

Wara l-bejgh tal-assi lil Methode, Hetronic Malta Limited bidlet l-isem ghal MH Malta Limited. Il-pjan kien li l-kumpannija tigi likwidata. Billi l-kwistjoni tat-trasferiment tal-ishma favur tieghu baqghet irrisolta, mexxa bil-kawza.

A fol 87 l-attur ipprezenta Dok 10 li huwa kopja ta` "*Draft for Discussion Purposes Only*" li thejja minn KPMG fl-Istati Uniti. Fid-dokument jinghad illi *"One objective is to restructure the overall organisation ... Torsten, Leo and Simon will each acquire 1% of the U.S. holding company."*

Kien esebit a fol 154 id-Dok 34 li huwa skambju ta` korrispondenza bejn l-attur u Max Heckl. L-attur jghid hekk – *"You know well enough that I was kept in the service of the company by repeated reminders of this undertaking that at the end of the day I will get 1% of the group or 1% of the proceeds from the eventual sale..."* Max Heckl iwiegeb hekk – *"Here is the agreement we have... I`m planning to pay you the first part of the mentioned Bonus until end of this year. How would you like to have that paid ? I think it could be still paid as a*

*Dividend to you. Please check this locally. My plan is the following : US$50,000 end of October, US$50,000 when Hetronic Malta formally is closed/liquidated. US$100,000 October 2010, if you are still with Hetronic... Hetronic Malta is still not liquidated. It`s still not October 2010. This is the only Agreement we have!"*

Fil-**kontroezami**, l-attur xehed (a fol 1845) illi huwa minn dejjem xtaq li jkun azzjonista ; fil-fatt l-ewwel ma sar kien *preference shareholder* meta xtara ishma fis-socjeta` konvenuta. Ikompli jghid a fol 185 *illi jiena ghandi jkolli shareholding fil-kumpanija, dik kienet dejjem wahda mill-kondizzjonijiet tieghi.* A fol 190 jixhed illi huwa ried ikun azzjonista ta` Hectronic Malta Limited u fil-Hetronic Group. A fol 195 jghid : *... Konna mexjin lejn din il-Hetronic Holding. F`Novembru tat-2003 … konna l-Gappun qalli Simon jiddispjacini l-one per cent holding tieghek se jkollok tistenna ftit ghaliha ghax ghandna problema kbira ta` taxxa mal-kollega tieghek ... hu pacenzja stenna ftit. ... Imma per se mat-twaqqif tal-Hetronic Holding jiena hadt pass lura ghax ma kontx se nkun fl-istrutturar inizzjali taghha, il-one per cent tieghi ma kienitx se tigi nkluza fl-istrutturar taghha.*

L-attur spjega illi l-mod kif hu kellu jiehu d-dividend ta` 1% kien permezz tal-*preference shares* li huwa kellu. Ippreciza illi ghalkemm l-ishma tieghu kienu biss *non-voting preference shares* fis-socjeta` konvenuta, u ghalhekk ma kienx azzjonista fil-kumpanniji l-ohra tal-Group, id-dividend li kien jircievi kien jigi kkalkulat fuq *il-cash* li kien jiggenera l-Group.

Mistoqsi f`liema stadju kellu jidhol hu, ix-xhud wiegeb : *Jiena l-ewwel agreement li kellna kont ha nidhol fit-twaqqif, imbaghad qalli issa naraw at a certain point fi x`hin se ndahhlek, qalli pero` in the meantime inti ha tibqa` tgawdi bhal li kieku ghandek il-one per cent share ghax kull cash li ha jiggenera l-grupp ha tiehu one per cent minnu.* U fil-fatt hekk gara. Kompla jghid hekk a fol

198 : *il-mekkanizmu li konna nuzaw biex niehu dawn il-flus kien forma ta` dividend, li jien ma nistax niehu dividend jekk m`inhix shareholder, allura konna nirreferu ghall-preference shares li kelli. So il-preference shares kienu l-vehicle.*

Dwar il-pretensjoni tieghu fil-kawza tal-lum, l-attur jistqarr a fol 209 : *jiena li qed nghid huwa li jiena qed nippretendi 1% tal-bejgh tal-grupp, id-dividends tal-1%, il-1% tad-dividends jew il-1% tal-cash generation kien parti mill-agreement talli jien kelli niehu dan il-1% tal-kumpanija. Id-dividendi jithallsu u l-cash jithallas lil min ghandu x-shares, jiena l-claim tieghi huwa l-1% tal-Hetronic Holdings, dak kien l-agreement taghna. Id-dividendi huma li kont qed niehu 1% tad-dividend huwa prova li jiena kelli l-ownership taghhom li qatt ma sar f`karta.*

L-attur ikkonferma illi dan il-ftehim baqa` verbali.

**<u>Andre` Zarb</u>** minn KPMG Malta kien muri d-dokumenti li pprezenta l-attur. In partikolari dwar Dok 10 kien mistoqsi jekk dak id-dokument kienx baqa` in *draft form* u allura baqa` mhux maqbul b`mod definittiv mill-partijiet, ix-xhud wiegeb a fol 178 : *Fuq l-ewwel pagna tieghu hekk jghid, huwa draft report nahseb hux hekk ?* Mistoqsi jekk kienx hemm *letters of engagement* mal-attur, ix-xhud wiegeb li ma kienx hemm (ara fol 180).

Bhala fatt, hadd ghall-kumpannija konvenuta, ghajr ghall-avukat taghha Dr Franco Galea, ma xehed fil-kawza. L-unika haga li din il-Qorti ghandha direttament mill-kumpannija konvenuta hija d-dikjarazzjoni bil-gurament ta` r-rapprezentant taghha Stuart Blackburn li cahad li qatt kien hemm ftehim verbali mal-attur.

**<u>Av. Franco Galea</u>**, difensur tal-kumpannija konvenuta, xehed hekk a fol 226 : *.... meta konna qed nippreparaw ir-risposta ghal din il-kawza dwar dak li kien qed jitlob is-Sur Grima dwar l-allegazzjoni, jiena kont ghidtilu bl-Ingliz as part of his employment conditions it was verbally agreed that Mr Grima would acquire 1% of the shares in Hetronic, is-Sur Heckl lili kien wegibni b`din il-frazi wrong he always requested this (sometimes in very inappropriate behaviour) but I never agreed to it and never promised it."*

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Risultanzi</u>**

**1. <u>L-ewwel talba</u>**

L-attur stabilixxa l-parametri tal-azzjoni tieghu. Imposta t-tliet talbiet tieghu fuq il-kuntratt ta` servizz li kellu mal-kumpannija konvenuta. Skond l-Art 2 tal-Kap 452, kuntratt ta` servizz ikun validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi kemm jekk isir bil-fomm kemm jekk bil-miktub. Fil-kawza tal-lum, l-attur qieghed jallega illi l-kumpannija konvenuta kienet inadempjenti fit-twettieq ta` obbligazzjonijiet li kienet ikkontrattat mieghu bil-fomm bhala parti mill-kundizzjonijiet tal-impieg tieghu. U ghax kienet inadempjenti, l-attur qieghed jippretendi l-hlas tad-danni.

Kien kompitu difficli ghal din il-Qorti li tasal ghal decizjoni kemm minhabba l-mod kif svolgew il-fatti, kemm minhabba s-*subject-matter* tal-kawza, izda fuq kollox minhabba l-mod xejn prattiku kif il-partijiet ittrattaw ir-relazzjonijiet komplessi ta` bejniethom. Irrizulta nfatti illi ghalkemm kien hemm involuti kwantitajiet ta` flus, gholjin fil-kuntest tar-relazzjoni bejn principal u impjegat, pattijiet ma kienux jigu sigillati bil-kitba, kif ghandu jkun il-kaz ghax il-kitba twarrab kull dubju, izda *with a handshake.* Il-pern

tal-kwistjoni tittratta pattijiet li l-attur jirrikonoxxi li qatt ma tfasslu f`kuntratt bil-miktub, u li l-kumpannija konvenuta min-naha tikkontesta li qatt kienu jezistu. Il-Qorti sejra tidhol fil-kuntest tal-materja `il quddiem. Din il-Qorti trid tghid illi sabitha difficli ferm biex issib pattijiet li l-partijiet ghamlu bil-kitba. Infatti wara li ezaminat b`reqqa d-dokumenti esebiti, it-tnejn li jolqtu r-rimunerazzjoni tal-attur huma Dok B li diga` rreferiet ghalih, u Dok 1A dan tal-ahhar igib id-data tad-9 ta` Dicembru 1994. Eppure ghalkemm Dok 1A, li huwa ittra li Max Heckl baghat lill-attur, jirreferi fit-tieni paragrafu ghal *Clause 11 of your original contract* dan il-kuntratt baqa` ma giex esebit – almenu mhux jidher qalb id-dokumenti esebiti. Ghal din il-Qorti dan kien ikun dokument importanti ghaliex kien juri l-mod u l-manjiera kif mill-bidu l-partijiet ittrattaw ir-relazzjoni ta` bejniethom. U billi strettament il-kwistjoni ta` din il-kawza ddur fuq allegat patt li sar bil-fomm, ghalkemm kienu esebiti dokumenti li jaghmlu riferenza ghalih, il-kriterji tal-attendibilita` u verosimiljanza jassumu rilevanza qawwija fil-kaz tal-lum.

Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, l-attur jaghmel analizi tal-fatti kif jghid illi hargu mill-provi. Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha, il-kumpannija twiegeb ghal dik l-esposizzjoni, bl-osservazzjonijiet taghha dwar, dak illi, skond hi, jghodd ghall-fini tad-decizjoni tal-Qorti dwar it-talbiet, u kif il-kumpannija konvenuta wiegbet ghal dawk it-talbiet. Issa kull kaz ghandu jigi meqjus fuq il-mertu u l-fatti spece partikolari tieghu. Dan jghodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. B'hekk il-gudikant ikun f'qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita' tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet. Issa fil-kaz tal-lum, l-attur ressaq il-provi u, fil-fehma tieghu, sostna l-pretensjonijiet tieghu, anke permezz ta` dokumenti. Min-naha taghha, l-kumpannija konvenuta – ghazla taghha – ma ressqet l-ebda prova biex tikkontradici l-provi li gab l-attur. Fil-kaz tal-kumpannija konvenuta, hemm cahda –

xotta xotta – ghalkemm bil-gurament – ta` rapprezentant taghha illi jixhed *illi ma kien hemm l-ebda ftehim verbali kif allegat mir-rikorrent.* Din il-Qorti ghexet hi direttament l-iter kollu tal-kawza u fil-kors tal-kawza kienet ben evidenti l-herqa tal-avukat difensur tal-kumpannija konvenuta li jara lil xi hadd mill-kumpannija konvenuta jitfacca biex jixhed fil-kawza. Din il-Qorti kienet tistenna li jiddeponi Max Heckl li kien involut - mill-bidu sal-ahhar - fir-relazzjonijiet mal-attur, u li ssemma - mill-bidu sal-ahhar - mill-attur. Rinfaccjat bl-assenza ta` xhieda mill-kumpannija konvenuta, l-avukat difensur taghha *in extremis* ghazel illi jiddeponi hu. Din il-Qorti sejra pero` tqis bhala inammissibbli x-xiehda ta` Dr Franco Galea ghaliex hija tal-fehma illi fil-kaz tal-lum hija ghandha timxi mar-regola generali illi ma tihux qies ta` xhieda dwar fatti li x-xhud jghid li gia jafhom minghand haddiehor jew li qalhom haddiehor, ladarba jirrizulta illi ma kien hemm propju xejn li jipprekludi lill-persuna li qalet dak li qalet lil Dr Galea milli jigi jixhed hu direttament dak il-kliem quddiem il-Qorti [ara l-**Art 598(1) tal-Kap 12**]. Inoltre ma ssib l-ebda raguni, prevvista mil-ligi u li tghodd ghall-kaz tal-lum, fejn din il-Qorti ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha, u tammetti bhala prova x-xhieda ta` Dr Galea [ara l-**Art 599 tal-Kap 12**]. Dan sottolineat din il-Qorti tghid illi l-piz tal-prova fil-mertu jibqa` mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa' assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti trid tara jekk l-attur issodisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-legittimita' tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati (*non esse et non probari paria sunt*).

Meta gudikant jigi biex iqis il-kumpless tal-provi li jitressqu ghall-konsiderazzjoni tieghu sabiex fuq dawk il-provi jaghti decizjoni, il-kriterju rilevanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja. Hekk meqjusa dawk il-provi, il-grad rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali fil-mohh tal-gudikant li tkun indotta

minn preponderanza ta’ provi fuq bilanc ta` probabilitajiet (“**Bugeja vs Meilak**” – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 30 ta` Ottubru 2003 ; **Kmandant tal-Forzi Armati ta’ Malta vs Difesa**” – Prim`Awla tal-Qorti Civili - 28 ta’ Mejju 2003 ; “**Ciantar vs Curmi noe**” – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 28 ta` April 2003 ; “**Caruana vs Laurenti**” – Prim’Awla tal-Qorti Civili – 8 ta` April 1994 ; “**Borg vs Manager ta’ l-Intrapriza tal-Halib**” – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Lulju 1981 ; “**Vassallo vs Pace”** – Vol.LXX.II.144 u “**Zammit vs Petrococchino**” – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952).

Fis-sentenza taghha tal-1 ta` Dicembru 2004 fil-kawza “**Hardrocks Limited vs Francesco Fenech Limited et**”, il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk –

*Indubitament, ghal konkluzjoni ta’ kuntratt jehtieg li tissussisti dik il-kombinazzjoni ta’ manifestazzjoni tal-volonta` tal-kontraenti diretta lejn ftehim unitarju. Ir-raguni hi wahda ovvja. Hi din l-unitarjeta` tal-kunsens li tikkreja, imbaghad, ir-relazzjoni guridika fl-effetti kollha taghha u taghti lill-kuntratt il-forza ta’ ligi li jsemmi l-Artikolu 992 (1) tal-Kodici Civili, u, allura, ukoll, “l-effett bejn il-partijiet kontraenti biss” kif jinghad fl-Artikolu 1001, Kodici Civili. Effettivament, kif jissokta jinghad f’ dan l-ahhar dispost tali kuntratt la jista’ jiggjova u lanqas jippregudika lit-terz li ma ippartecipax tant li ghalih il-ftehim jibqa’ res inter alios acta ;*

*Huwa fatt pacifiku wkoll illi l-krejazzjoni tal-vinkolu kuntrattwali, jew tat-thassir tieghu bil-kunsens ta’ xulxin, li jsemmi l-Artikolu 992 (2) tal-Kapitolu 16, sakemm ma jkunx wiehed fost dawk elenkati fl-Artikolu 1233 tal-Kodici Civili, ma jirrikjedix il-forma skritta ad substantiam izda jista’ jirrizulta minn akkordju verbali jew anke mill-volonta` komuni tacita.*

Mill-assjem tal-provi, din il-Qorti hija sodisfatta illi l-*modus operandi* tal-kumpannija konvenuta kien ibbazat fuq il-fiducja (bl-Ingliz : *trust*) fis-sens illi kelma moghtija

bejn zewgt “irgiel” – anke jekk principal u impjegat – tghodd daqs li kieku saret bil-kitba, u l-*handshake* hija l-*benchmark* tal-fiducja.  Irrizulta li l-attur kellu rwol importanti ferm fit-tmexxija tal-kumpannija konvenuta – mill-formazzjoni taghha sal-ahhar.  Dahal maghha f`kariga diga` gholja, u baqa` tiela` sa fuq nett, sa ma nhatar l-uniku direttur taghha.  Is-salarju tal-attur – mill-bidu nett – kien diga` mixhut lejn l-gholi pero` wiehed jifhem li biz-zmien aktar ma` zdiedet ir-responsabilita` tieghu, kellha tizdied ir-rimunerazzjoni tieghu fil-forom illi jirrizulta li hadet matul iz-zmien.

Bran importanti hafna mix-xhieda tal-attur huwa dak riportat fit-tergo ta` fol 53 li jaqra hekk –

*… fis-sajf tal-2003, waqt zjara f`Malta, wicc imb`wicc Max Heckl fl-ahhar qabel li jaghmilni propjetarju ta` 1% tal-grupp kollu Hetronic billi jaghtini 1% ta` ishma tal-kumpannija Hetronic Holding li dak iz-zmien kienet ghadha fi stat ta` pjan imma la darba tigi mwaqqfa kienet ser tkun propjetarja ta` l-ishma kollha tal-kumpanniji kollha li kienu jaghmlu parti mill-grupp Hetronic.  Dan il-qbil Heckl ghamlu wkoll maz-zewg persuni principali l-ohra fil-grupp : Leo Schalk li dak iz-zmien kien imexxi l-kumpannija Germaniza u Torsten Rempe li kien qieghed imexxi l-kumpannija Amerikana Hetronic USA ibbazata f`Oklahoma City.*

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha, il-kumpannija konvenuta tikkontesta jekk Max Heckl kellux qatt is-setgha li jaghmel impenn bhal dak favur l-attur, u tasal biex tghid illi jekk Heckl impenja ruhu, dak ghamlu fil-kwalita` personali tieghu, u ma kienx jorbot lill-kumpannija.  Il-fehma tal-kumpannija konvenuta mhijiex kondivisa minn din il-Qorti.  Meta l-attur ittratta ma` Heckl, ma ttrattax mieghu fuq obbligazzjonijiet personali li kien qieghed jaghti Heckl, izda kien qed jinnegozja mad-direttur tal-kumpannija konvenuta li kellu s-setgha jorbot lill-kumpannija.  U billi aktar tard kien ukoll direttur tal-*holding company* li kellha l-maggoranza tal-ishma fil-kumpannija

konvenuta kellu s-setgha kollha li jidhol f`dak it-tip ta` ftehim mal-attur. Mela dak il-ftehim mhux biss seta` jsir anke skond l-assett socjetarju tal-kumpannija konvenuta u tal-*holding company* izda kien jaghmel sens ukoll li jsir minhabba r-rwol ta` aktar responsabilita` illi l-attur kien qieghed jinghata fil-kumpannija konvenuta.

Jibqa` l-kwesit : accertat li ftehim ta` dik ix-xorta *seta`* jsir li kien jorbot lill-kumpannija konvenuta, jirrizulta li dak il-ftehim *fil-fatt* sar anke jekk bil-fomm ? Din il-Qorti tghid minghajr esitazzjoni illi dak il-ftehim sar u kien vinkolanti fis-sens illi l-attur inghata l-jedd li jikseb 1% tal-ishma tal-*holding company.* Dak kien obbligu li dahlet ghalih il-kumpannija konvenuta anke ghaliex kien jaqbel lilha wkoll. Kif diga` rrizulta mir-rassenja tal-provi, il-*workings* teknici tat-trasferiment kienu difficli u komplessi minhabba ragunijiet fiskali u ta` spejjez. Accertati dawk id-diffikultajiet oggettivi, ma jfissirx illi rrizultat xi impossibilita` fit-twettieq tal-obbligazzjoni. Del resto sar fil-fatt trasferiment ta` dak il-1% favur Torsten Rempe.

Ghal din il-Qorti, l-aqwa prova illi kien hemm tassew dak il-ftehim kienet il-konsegwenza tieghu rapprezentata mill-hlas tad-dividends fuq l-introjtu tal-*holding company*. L-attur gab il-prova illi minhabba d-dewmien fit-trasferiment tas-sehem Heckl *weghedna li d-dewmien ma kienx ser jaffettwana hazin ghax konna ser nibqghu nircievu kull sena, forma ta` dividend, sehem ta` 1% tal-flus iggenerati mill-grupp fis-sena ta` qabel. Dan ifisser li waqt li konna qeghdin nistennew biex jigi effettwat il-qbil, konna se nkunu ingawdu l-beneficcju tal-qbil. Jiena u Heckl hadna b`idejn xulxin bhala sigill ta` dan l-ahhar arrangament.* Irrizultat il-prova tal-hlas tad-dividends fuq numru ta` snin. Li kellu jsir dak il-hlas ma rrizultax minn ftehim bil-miktub. Sar bil-fomm u twettaq fir-realta` bi hlasijiet regolari favur l-attur. Mela ftehim kien hemm ghax minn awl id-dinja hadd ma jhallas xejn ta` xejn.

Irrizulta wkoll illi l-ftehim tal-bidu dwar il-1% kien modifikat – ghal darb`ohra bil-fomm – waqt laqgha li saret fit-13 ta` Dicembru 2007 u li dwarha xehed l-attur (ara fol 56) : *kellu jinbidel b`mod li jien kont ser niehu flok l-1% ishma fil-Hetronic Holding, ishma fil-kumpannija Maltija, liema ishma kellhom ikollhom l-istess valur ta` 1% fil-grupp. Stmajna li l-valur ekwivalenti kellu jkun madwar it-2% ta` Hetronic Malta Ltd. Komplejna billi qbilna li minflok dividend ta` 1% tal-flus iggenerati ta` kull sena (mhallsa s-sena ta` wara) jien kelli nibqa` nircievi dividend, dejjem mill-kumpannija Maltija, ekwivalenti ghal 1% ta` kull ma tircievi l-Hetronic Holding. Dan sar peress illi d-dividendi lejn il-kumpannija Hetronic Holding kienu saru haga regolari. Fl-ahhar tal-laqgha gie wkoll awtorizzat dividend lil biex ikopri d-dividend dovut fl-2007 ghas-sena 2006 kif ukoll dak ghas-sena 2007.* Din il-Qorti terga` tinsisti illi din il-verzjoni ta` kif graw il-fatti mhijiex kontradetta mill-kumpannija konvenuta. Din il-Qorti trid tghid illi fil-kors tal-kontroezami, id-difensur tal-kumpannija konvenuta ttenta jdghajjef il-kredibilita` tal-attur b`domandi dwar 1% ta` xiex allegatament ftiehem illi jikseb. Pero` meta wiehed jara l-assjem tax-xiehda tal-attur, b`riferenza partikolari ghall-brani fuq riferiti, u tenut kont tal-komplessita` tal-operazzjoni, din il-Qorti taghti affidament ghall-provi li gab l-attur.

Ghal din il-Qorti, irrizulta li, ghajr ghall-kwistjoni tad-dividends, l-attur baqa` b`xejn minn dak li l-kumpannija konvenuta ntrabtet mieghu illi taghtih bhala parti mill-kondizzjonijiet tal-impieg tieghu maghha. Il-posizzjoni tal-attur tgharrqet ghal kollox meta l-kumpannija konvenuta bieghet l-assi kollha taghha lill-kumpannija Methode u spiccat b`ishma minghajr valur.

**<u>L-ewwel talba ghalhekk tirrizulta u qeghda tkun milqugha</u>**.

## 2. <u>It-tieni u t-tielet talbiet</u>

In linea generali, huwa principju tad-dritt fil-kamp tal-kompensazzjoni ghal danni li "*l-attur ghandu kemm jista' jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagjonata l-hsara*" ("**Tufigno vs Micallef noe**", Qorti tal-Appell – Sede Civili - 23 ta' April 1965). Id-danneggjat ghandu l-jedd li jigi rimborsat tad-danni li jkun sofra u li jerga' jitqieghed ***ragonevolment*** fl-istat li kien qabel sofra l-hsara. Dan ghaliex ir-risarciment ghandu jirreintegra l-patrimonju tad-danneggjat minn kull konsegwenza ekonomika sfavorevoli ghalih li jgib mieghu l-event dannuz. Ghalhekk ir-risarciment ghandu jikkonsisti f'somma li ***ragonevolment*** twassal ghall-valur tal-utilitajiet mitlufa. (**"Galea pro et noe vs Gatt et"** – Qorti tal-Appell - Sede Civili – 24 ta' Novembru 1958 ; **"Zammit vs Calleja"** – Appell Inferjuri – 12 ta' Jannar 1977 ; "**Sant vs Borg" –** Prim` Awla tal-Qorti Civili, 3 ta' Ottubru 1979)**.**

Fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu, l-attur jghid illi huwa ghandu jircievi risarciment in linea ta` danni ta` 1% tal-US$ 53.6 miljun li thallsu ghall-bejgh fuq riferit u cioe` US$ 536,000 li skond l-attur jammontaw ghal €391,527.

Fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha, il-kumpannija konvenuta tikkontrasta din il-pretensjoni kif gej –

*23. Illi minghajr pregudizzju ghal dak espost hawn qabel, f`din il-kawza qed jitlob il-hlas ta` €391,527 bhala danni minnu sofferti. Huwa jistrieh fuq Dok 28 esebit mal-affidavit tieghu bhala l-bazi tat-talba tieghu. Dan id-dokument bir-rispett dovut ma huwa attendibbli xejn. La tirrizulta s-sors li minnu gab l-istess dokument l-attur. Ghalkemm jidher li jista` jkun dokument fuq l-internet minn imkien ma jirrizulta mil-liema sit elettroniku origina.*

*24. Kull parti f`kawza ghandha l-obbligu li tressaq l-ahjar prova. F`dan il-kaz kien ikun rapprezentant tal-Methode li ghandhom branka u impjant hawn Malta ghall-konferma sabiex jikkonferma l-prezz ta` l-akkwist mhallas mill-Methode u lil min.*

*25. L-attur naqas ukoll li jipprovdi prova ta` liema rata tal-kambju bejn l-Ewro u d-Dollaru Amerikan kien qed jibbaza fuqha sabiex iressaq it-talba tieghu u ghal liema data.*

*26. Lanqas kuntrarjament ghal dak allegat ma ngabet xi prova ta` xi sparpaljar ta` l-assi tal-Grupp Hetronic. Ta` dak il-bejgh il-Grupp Hetronic rcieva prezz u dawn il-flus u dawn il-flus dahlu fil-grupp u ghalhekk wiehed ma jifhimx x`dannu sofra l-attur. Inoltre l-attur esebixxa dak li skond hu huwa balance sheet tas-socjeta` konvenuta ghal Gunju u Settembru 2008. Din ukoll ma hijiex l-ahjar prova. Seta` jipprezenta kopja tal-audited accounts tas-socjeta` konvenuta tramite r-Registratur tal-Kumpanniji u addirittura seta` jitlob konferma ta` l-istess figuri lil Andre` Zarb, l-awditur tal-kumpannija meta harrku bhala xhud.*

*27. Lanqas jidher li l-attur ha in konsiderazzjoni s-somom ta` flus li huwa rcieva minghand il-Grupp Hetronic tul is-snin oltre l-paga tieghu fil-kalkoli tad-danni minnu reklamati.*

**L-attur ghandu jedd illi jithallas dawk id-danni li <u>ragonevolment</u> jirrapprezentaw it-telf li garrab minhabba l-inosservanza da parti tal-kumpannija konvenuta tal-pattijiet li kellha mieghu.**

Din il-Qorti terga` taghmel riferenza ghal dak li xehed l-attur a fol 56 dwar l-esitu tal-laqgha tat-13 ta` Dicembru 2007 dwar kif kellu jinbidel il-ftehim ta` 1% u cioe` –

*Kellu jinbidel b`mod li jien kont ser niehu flok l-1% ishma fil-Hetronic Holding, ishma fil-kumpannija Maltija, liema ishma kellhom ikollhom l-istess valur ta` 1% fil-grupp. Stmajna li l-valur ekwivalenti kellu jkun madwar it-2% ta` Hetronic Malta Ltd. Komplejna billi qbilna li minflok dividend ta` 1% tal-flus iggenerati ta` kull sena (mhallsa s-*

*sena ta` wara) jien kelli nibda nircievi dividend, dejjem mill-kumpannija Maltija, ekwivalenti ghal 1% ta` kull ma tircievi l-Hetronic Holding. Dan sar peress illi d-dividendi lejn il-kumpannija Hetronic Holding kienu saru haga regolari. Fl-ahhar tal-laqgha gie ukoll awtorizzat dividend lili biex ikopri d-dividend dovut fl-2007 ghas-sena 2006 kif ukoll dak ghas-sena 2007.*

Mela skond dan il-ftehim tat-13 ta` Dicembru 2007, l-attur kellu zewg hwejjeg –

a) ishma fil-kumpannija konvenuta ghall-valur ta` 1% tal-valur tal-ishma tal-*holding company* ; u

b) dividend ta` 1% ta` kull ma tircievi l-*holding company.*

Dwar (a) din il-Qorti ma ghandha **l-ebda prova** tal-valur tal-ishma tal-*holding company* jew tal-Hetronic Group biex min hemm *forsi* tasal biex issir stima tal-valur tal-ishma li l-attur kellu jircievi tal-kumpannija konvenuta. Dan apparti illi din il-Qorti m`ghandha **l-ebda prova** tal-valur tal-ishma tal-kumpannija konvenuta kemm qabel kif ukoll wara l-bejgh tal-assi taghha. Dan ifisser illi din il-Qorti hija **ragonevolment prekluza** milli tillikwida danni skond din il-pretensjoni – lanqas *arbitrio boni viri* - ghaliex hi sprovvista minn kull prova.

Qabel ma tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-punt (b) din il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza taghha tat-12 ta` Jannar 2005 fil-kawza “**Dalmas vs Dalmas et**” –

***Hi regola ben assodata illi meta ma tistax issir il-prova solita, u meta jkun hemm cirkostanzi partikolari u specjali li jistghu jispjegaw ghaliex ma tistax isir, hu dmir tal-gudikant li jirricerka provi ohra li jissodisfawh …***

*id-dokumentazzjoni, kieku producibbli kienet tkun ta’ ghajnuna ghal skop ta’ konvinciment, izda anke minghajrha kien possibbli ghall-ewwel qorti li tibbaza l-gudizzju taghha fuq il-provi processwali l-ohra attendibbli. Fatt jista’ jigi provat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri kemm bi provi diretti, bhal dokumenti (Artikolu 627 et seq., Kapitolu 12) u xhieda (Artikolu 563 et seq., Kapitolu 12) u l-ammissjoni (Artikoli 693 sa 695 ta’ l-istess Kapitolu 12), kif ukoll bi provi ndiretti bhal ma huma l-prezunzjonijiet (Artikoli 1234 u 1235, Kodici Civili) u l-indizji li kapaci jikkonvincu lill-gudikant ;*

*Li kieku kien differentement dan kien igib ghas-sitwazzjoni assurda illi kull darba li tkun tonqos il-prova dokumentali min hu gravat bil-piz taghha ma jkunx jista’, xort’ ohra, jsostni l-bazi ta’ l-azzjoni jew ta’ l-eccezzjoni. Invece, kif saput, l-effikacja probatorja kapaci tirrizulta b’ xi mezz iehor …*

*Hu, del resto, provvdut kjarament fir-regola ta’ l-Artikolu 1232 (1) tal- Kodici Civili li tghid illi “meta mhux mehtieg mil-ligi li l-obbligazzjoni jew it-tmiem taghha jidhru minn att pubbliku jew minn kitba privata, il-prova ta’ l-obbligazzjoni jew tat-tmiem taghha tista’ ssir b’ xhieda jew b’ mezzi ohra maghrufin mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili” ;*

*Il-principju tal-piz tal-prova ma jfissirx illi d-dimostrazzjoni tal-fatt, kostituttiv ta’ dritt vantat u pretiz, trid tigi rikavata eskluzivament minn prova wahda, u dik biss. Hu sew maghruf illi wiehed jista’ jutilizza elementi ohra probatorji akkwiziti mill-process. Fl-ordinament guridiku taghna, kif gja fuq espress, ivigi l-principju illi r-rizultanzi istruttorji jistghu jigu ottenuti b’ kull mod purke dawn iservu ghall-formazzjoni u konvinciment tal-gudikant. Xejn ma hu eskluz, lanqas l-utilizzazzjoni ta’ xi prova fornita mill-kontroparti. L-importanti hu li l-parti fil-proceduri tipprova u ssostni l-fatt li hu ghab-bazi tad-dritt taghha ;*

Applikat dan l-insenjament ghall-konsiderazzjoni tal-punt (b), jirrizulta **minghajr dubju** illi nbieghu l-assi kollha tal-kumpannija konvenuta tant li l-kumpannija konvenuta – almenu lokalment – prattikament marret *out of business.* Fil-para 26 tan-nota ta` osservazzjonijiet taghha, il-kumpannija konvenuta **taccetta** illi *ta` dak il-bejgh il-Grupp Hetronic rcieva prezz u dawn il-flus u dawn il-flus dahlu fil-grupp.* Din il-Qorti m`ghandhiex prova ta` dhul iehor li kellha l-*holding company* pero` ghandha prova altru milli sodisfacjenti – ghax ammessa mill-kumpannija konvenuta – illi l-bejgh tal-assi mar a favur tal-*holding company*.

Tinsorgi l-kwistjoni ta` kemm kien id-dhul tal-*holding company* f`dik l-operazzjoni finanzjarja biex fuqu jinhadem il-1% dovut lill-attur. L-uniku dokument li juri l-prezz tal-bejgh tal-assi huwa Dok 28 a fol 146. Hawn il-Qorti taghmel riferenza ghall-para 23 sa 26 tan-nota ta` osservazzjonijiet tal-kumpannija konvenuta.

**Riferibbilment ghall-para 23, din il-Qorti tqis dak id-dokument bhala attendibbli ghax huwa *news release* pubbliku u allura verifikabbli kontenenti riferenzi ghal website tal-akkwirenti. U jikkostitwixxi prova (ara "Dalmas vs Dalmas et" – op. cit.)**

Riferibbilment ghall-para 24, din il-Qorti tghid illi l-aqwa prova ma kienet qatt sejra tkun il-kumpannija Methode go Malta ghaliex huwa fatt notorju illi Methode go Malta topera permezz ta` kumpannija registrata u cioe` Methode Electronics Malta Limited u certament ma kienitx sejra tkun f`qaghda li taghti taghrif dwar negozju li sar mill-holding company taghha u cioe` Methode Electronics Inc.

Riferibbilment ghall-para 25, din il-Qorti tghid illi bit-tieni u t-tielet talbiet mhijiex qeghda tintalab tillikwida (u tordna l-hlas) danni f`Dollari tal-Istati Uniti.

Riferibbilment ghall-para 27, id-difiza tal-kumpannija konvenuta ghall-pretensjoni attrici hija nsostenibbli ghaliex kull hlas li rcieva l-attur fil-kors tal-impjieg tieghu mal-kumpannija konvenuta kien skond kif kien patwit maghha, u kwindi ma jista` jincidi xejn, u wisq anqas jimmitiga d-danni li qieghed jippretendi fil-kawza tal-lum minhabba inadempjenzi kontrattwali **ohra** tal-kumpannija konvenuta.

Wara li hadet **kull** aspett rilevanti in konsiderazzjoni – **xejn eskluz** – din il-Qorti qeghda tillikwida d-danni tal-attur fl-ammont ta` tliet mija u disghin elf Ewro (€390,000).

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tichad l-eccezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta.**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tilqa` tieni talba u tillikwida d-danni tal-attur fl-ammont ta` tliet mija u disghin elf Ewro (€390,000).**

**Tilqa` t-tielet talba u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-attur in linea ta` danni s-somma ta` tliet mija u disghin elf Ewro (€390,000) bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------